Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 212 :: JANNAR 2014

**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com

## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **31 ta' Jannar, 2014,** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtieqũ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri.

## NISTIDNUK GĦALL-*BARBECUE*




Bħalma għidna fl-aħħar laqgħa, il-*barbecue* li s-soltu naghmlu għal żmien il-Milied kellna nħalluh għall-bidu tas-sena l-ġdida minħabba ċirkustanzi li ma kellniex kontroll fuqhom. Issa qed nippruvaw norgqanizzaw dan il-*barbecue* fit-tieni Ħadd ta' Marzu, jiġifieri l-Ħadd, 9 ta' Marzu. Bħas-soltu niltaqgħu għand Frank u Draga Bonett, fuq il-propjeta` tagħhom, **125 Blackwells Lane, Bulla**. Bħalma jagħmlu kull sena, Frank u Draga jkunu tant ġentili li jilqgħuna għandhom biex inqattgħu nofstanhar flimkien. Nispera li l-membri kollha jiġu biex ikollna numru sabiħ. Niltaqgħu għal xi l-11.30 am. Ikollna *barbecue* fejn il-Grupp jieħu ħsieb ta' kollox: laħam, salads, inbid, xorb minerali, te u kafe`, eċċ. Ejjew u ħudu pjaċir. Naturalment, ġibu magħkom platti, tazzi, eċċ u xi qari. Hu importanti li dawk li fi ħsiebhom jiġu, iċemplu lil **Salvina Vella** fuq **9460-4404 jew *Mobile* 0409 961 928.** Dawk li jużaw l-*internet* ikunu jistgħu jibagħtu *email* lil Salvina Vella fuq **paul.vella44@gmail.com** biex ikunu jistgħu jsiru l-preparamenti għall-ikel. Għal dawk li forsi din se tkun l-ewwel darba li jiġu għand Frank u Draga, qiegħed nipproduċi mappa biex forsi tkun ta' għajnuna għalikom biex issibu l-post aktar malajr. Nixtieq nieħu din l-opportunita` biex għal darb'oħra nirringrazzja lil Frank u lil Draga li ta' kull sena jilqgħuna għandhom. Napprezzaw ħafna.

***<u>Awtobiografija ta' Charles Casha</u>***

## JIEN UKOLL GĦANDI STORJA XI NGĦID



"Biex jirbaħ il-karru taż-żmien Charles Casha qed jippreżenta l-istorja ta' ħajtu. Bħal kull awtobijografija oħra, din hija l-istorja ta' zmien partikulari u l-effetti li ħalla fuq l-awtur u kif l-awtur għex l-opportunitajiet li firixlu ż-żmien quddiemu.
Dan hu vjaġġ li se jagħti ħafna gost għax il-qarrej se jkollu l-opportunita` li jgħix flimkien mal-awtur waqtiet minn ħajtu u waqtiet minn ġrajjiet pajjiżu; il-kwadru ż-żgħir u l-kwadru l-wiesgħa se jsiru mużajk wieħed. Ċerti biċċiet mill-mużajk se jinżlu aħjar minn oħrajn u fil-gosti tiegħu kulħadd se jsir jaf biċċa ġdida fuq awtur li tant ħadem b'risq il-letteratura Maltija u l-ktieb Malti." — ***Sergio Grech***




## ĊRIEKI FL-GĦADIRA — *Ġorġ Borg*

Din hija ġabra ġdida ta' poeżiji liriċi ta' Ġorġ Borg li tħaddan diversi elementi tipiċi tal-Poeta, fosthom emozzjoni mrażżna espressa bit-trankwillità, sempliċità fid-dehra b'diversi livelli ta' tifsir (u għalhekk il-metafora fihom hija prevalenti), konċiżjoni distillata ta' versi li jgħidu ħafna fi ftit kliem, u mużikalità li toħloq ritmi ħfief bi ħlewwa ta' ħsejjes li joħorġu mir-rima li tinbet dejjem b'mod spontanju fil-versi tiegħu.
L-isem tal-ktieb, 'Ċrieki fl-Għadira', jista' jkollu t-tifsira tal-għadira tal-ħajja fejn imqar qatra poeżija li taqa' tista' tħenni jew taħsad l-għadira iżda żgur ma tħallihiex ċassa jew nieqsa miċ-ċaqliq.
Tista' tikseb kopja tal-ktieb b'xejn mingħand l-awtur.
Ikteb fl-indirizz: lehenilmalti@gmail.com

# IMUT LINO GRECH

## *Kittieb u attur ta' xogħlijiet teatrali u televiżivi*



Ftit ġimgħat ilu tħabbret il-mewt ta' Lino Grech f'Malta. Meta ppruvajt insib xi informazzjoni fuq Lino Grech, l-ewwel ħsieb li ġieni kien il-ħabib tiegħi Mario Micallef, li huwa wkoll attur, kittieb, direttur u *producer* ta' xogħlijiet teatrali u televiżivi. Kont naf li Mario ħadem ħafna ma' Lino Grech. Mhux se nikteb dak kollu li sirt naf mingħandu għax l-ispazju tagħna limitat, imma nipprova nniżżel xi punti prinċipali. Mario qalli li lil Lino kien iżommu aktar minn ħabib. Huwa qalli li kien ilu jaf lil Lino sa minn 1976 meta kien ħa parti fit-teleserje "Baħar Wieħed", wara li Josephine Zammit Cordina kienet introduċietu miegħu. Mario qal li kulħadd għandu jibqa' jiftakar lil Lino bħala bniedem ġentlom, raġel fuq l-irġiel u li dejjem kien onest ma' kulħadd. Mario qalli li Lino żgur jibqa' miftakar għall-parti tiegħu ta' "Pinu" fit-teleserje tiegħu stess "Bahar Wieħed". Tant kien popolari dan it-teleserje li meta kien jintwera fuq it-televiżjoni, it-toroq ta' Malta kienu jkunu baħħ, għalkemm in-nies aktar kienu jsejħulu "ta' Ġoma" milli "Baħar Wieħed". Kienu ħafna x-xogħlijiet ta' Lino Grech, imma biex ma ntawlux, insemmi x-xogħol li ħadem fih, xogħol ta' ħabib ieħor tiegħi, il-Professur Oliver Friggieri. Mario qalli li meta kien ħajjar lil Prof. Friggieri biex ir-rumanz tiegħu "It-Tfal Jiġu bil-Vapuri" jiġi addattat għat-televiżjoni, għall-ewwel il-Prof. Friggieri ma riedx imma wara li aċċetta, Mario irrakkomanda lil Lino Grech biex jikteb dan ix-xogħol għalkemm Lino kien staħa li jaddatta x-xogħol tal-Prof. Friggieri. "It-Tfal Jiġu bil-Vapuri" kien suċċess kbir tant li wara Lino kien addatta wkoll it-tieni rumanz tal-Prof. Friggieri f'din is-serje, "La Jibbnazza Niġi Lura". Dawn kienu ħallew lit-telespettaturi għatxana, tant li wara kien ġie addattat it-tielet rumanz f'din is-sensiela, "Dik id-Dgħajsa f'Nofs il-Port", imma din id-darba il-kitba saret minn Mario Micallef stess. Hemm ħafna affarijiet importanti li qalli Mario fuq Lino, imma l-ispazju ma jippermettix. B'għafsa ta' qalb, Mario stqarr miegħi li xi xahar qabel il-mewt ta' Lino, huwa kien mar id-dar tiegħu biex jitkellmu fuq proġett ieħor li kienu se jagħmlu flimkien. Qabel infirdu, Lino dar fuqu u qallu: "Mario, jien naf kemm int imħabbat bħalissa. Jien ukoll għandi xi xogħol ta' kitba li rrid inlestieh. Mela ħu paċenzja u ejja nkomplu nitkelmu fuq dan il-progett wara li jgħaddu l-festi tal-Milied." Imma dan ma kellux ikun hekk. Filwaqt li nirringrazzja lil Mario għal dan it-tagħrif u dan ir-ritratt tiegħu ma' Lino, li hu qalli tant kien għal qalb Lino, nixtieq ningħaqad mall-Kumitat u l-Membri tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria biex noffru l-kondoljanzi tagħna lill-familja ta' Lino Grech. Agħtih, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.

***RITRATT: Il-mibki u qatt minsi Lino Grech (fuq quddiem) flimkien ma' Mario Micallef, f'xena mit-teleserje "It-Tfal Jiġu bil-Vapuri", kitba tal-Professur Oliver Friggieri.***

# GĦAQDA TAL-MALTI — UNIVERSITA`

Is-sejħa għal TAĦŻIŻ2 għas-sena 2014 ġiet estiża sal-24 ta' Jannar għal żgħażagħ bejn it-18 u t-30 sena. L-applikazzjonijiet ikunu aċċettati sa nofsinhar. Il-format se jibqa' simili għal tal-ewwel edizzjoni, jiġifieri l-qofol tiegħu se jkunu tliet seminars residenzjali, b'pubblikazzjoni u ċertifikat li jingħataw lejn l-aħħar ta' din is-sena. Għalkemm il-parteċipazzjoni hi b'xejn, dawk magħżula huma mitluba jiddepożitaw €50, li jingħataw lura ġaladarba jkunu attendew it-tliet seminars.

Kull min hu interessat, għandu jibgħat lil info.youthmalta@gov.mt jew lil ghaqdatalmalti@gmail.com. Fl-applikazzjoni tiegħu wieħed għandu jdaħħal id-dettalji personali (isem u kunjom, data tat-twelid, indirizz postali u elettroniku, in-nru tat-telefown jew tal-mowbajl), kif ukoll dawn li ġejjin:

- interessi oħra minbarra l-kitba;
- ittra ta' introduzzjoni u motivazzjoni;
- CV f'forma ta' storja qasira ta' 150 kelma;
- fotokopja tal-karta tal-ID (quddiem u wara); u
- poeżija jew storja qasira miktuba riċentament.

L-għażla finali tal-parteċipanti se tkun fid-diskrezzjoni tal-bord li jevalwa l-applikazzjonijiet.

Taħżiż hu proġett ta' kitba kreattiva tal-Aġenzija Żgħażagħ, b'kollaborazzjoni mal-Għaqda tal-Malti – Università u l-Fondazzjoni AWL.


Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV

**BANK OF VALLETTA p.l.c.**

*Uffiċċju Rappreżentattiv:*

**16 Watt Street, Sunshine 3020**

**Telephone: 9311-3222**

# Non Omnis Moriar in Aeternum

Bħal kewkba fost bosta, ġo sema tan-nir,
iddejt mingħajr ħamba, bħal qamar ġo bir.
Għannejt matul triqtek - fl-għoljiet, fil-widien.
Għaxxaqtna bi vrusek li jisbqu kull żmien.
Salibek ġarrejtu fis-sikta tal-mard,
'mma wirtek ħallejtu, imlewwen bil-ward.
Il-fwieħa ta' Malta – mill-ifjen versist!
B'għanjietek ta' mgħallem lid-dgħajjef wennist.

Ħabibi fost l-eħbeb, dan tiegħek il-klil.
Dit-triq aħħarija miżgħuda tħellil.
Nistħajjel kif tasal fil-ġnien tal-poeti,
jilqgħuk għalenija se ssib il-profeti
ta' kelmet il-Malti, bid-daqq u bil-kant;
ipoġġuk fuq manbar, b'kuruna tar-rand.
Fis-sema Saliba, imnaqqax rebbieħ
jistħoqqlok, fost l-iprem għannejja, dal-ġieħ.

***Rigu Bovingdon***

# Fidwa 2013

"Sliem u saħħa, risq u hena"
"Paċi u sliem" bħal f'kull Milied;
Tiddi fuqna kewkba ġdida
Timxi magħna f'lejl ta' skiet.

Mewġa ħelwa kollha ħrara
Qalb il-ġnus twelled tarbija;
Tixgħel qalbna kollha tama
tfajla ħelwa bil-Messija.

***Joe Borg (Malta)***

***Versi ta' Awgurju***

# Il-Milied it-tajjeb lilkom Poeti tad-Dinja

Naħseb fikom, fuq kollox f'dan iż-żmien speċjali,
u nistħajjilkom għaddejjin bix-xogħol tagħkom
ilkoll impenjati f'oqsma differenti
ilkoll bil-barkiet u bil-piżijiet tagħkom
ilkoll bil-waqtiet ta' ferħ u oħrajn ta' niket
ilkoll bis-saħħiet u bl-uġigħat tagħkom
fid-dinja ċkejkna tagħkom.

Hemm minnkom li qegħdin id-dar mal-familja
oħrajn waħedkom minħabba xogħol jew minħabba d-destin.
Hemm minnkom f'sitwazzjoni soċjali mwiegħra
fejn eluf jipprotestaw favur kondizzjonijiet aħjar,
oħrajn fejn hemm il-ksieħ, il-faqar, il-ġuħ u l-instabbiltà
minħabba gvernijiet dgħajfin.
Hemm minnkom li jaħdmu f'universitajiet u kulleġġi
kwiekeb ta' għerf, rispett u ċiviltà
f'nofs ibħra mqallbin.

La tinsewx però...
F'dan il-Milied u waqt is-sena kollha
komplu semmgħu leħenkom kontra
l-abbuż, il-ħażen, il-manipulazzjoni,
favur l-imwarrbin u kontra l-persekuzzjoni.
Komplu agħtu n-nifs, id-dawl u s-saħħa
lil kull min jeħtieġhom.
Intom front wieħed, intom fejn intom!
La taqtgħux qalbkom
u ħallu l-kewkba tal-Milied tiggwidakom
għal darb'oħra.

***— Patrick Sammut (Milied 2013)***

# ĦREJJEF

Nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Diċembru, 2013, fiċ-ċinema tal-Kavallier ta' San Ġakbu inżammet Attività Promozzjonali. ĦREJJEF huwa proġett b'risq l-istudenti tal-ewwel sentejn tas-Sekondarja. Jgħaqqad flimkien ġabra ta' stejjer tradizzjonali Maltin flimkien ma' mużika kontemporanja għall-pjanu, u animazzjoni 3D fuq l-istil ta' pupazzi silwettati *(shadow puppetry)*. F'dan il-proġett, l-attur Joseph Galea jirrakkonta ġabra ta' ħrejjef Maltin b'akkumpanjament fuq il-pjanu minn Tricia Dawn Williams. Il-mużika oriġinali ta' dan il-proġett, fuq idjoma kontemporanja, hija tal-kompożitur Ruben Zahra. Għal kull ħrafa hemm projezzjoni ta' animazzjoni diġitali 3D li nħadmet fuq stil ta' pupazzi silwettati. Id-disinn dekorattiv tal-animazzjoni huwa ispirat minn elementi ta' arti Barokka, filigranu, bizzilla u tberfil. Id-disinn huwa xogħol l-artista Nel Pace; l-animazzjoni diġitali ta' Martin Bonnici. Din il-laqgħa kienet organizzata mil-Akkademja tal-Malti. L-Akkademja tirringrazzja lil Ruben Zahra u lill-Kavallier ta' San Ġakbu talli organizzaw din l-attività wara t-talba tagħna. Dan kollu wara li rajna l-proġett waqt il-festival Żigużajg ta' dis-sena. Ir-rispons immedjat tat-tfal ma ħalliniex bi kwietna u qed ningħaqdu mal-Uffiċjali Edukattivi tal-Malti, David Agius Muscat, George Mifsud u David Muscat u mal-Kapijiet tad-Dipartiment tal-Malti fl-Iskejjel tal-Knisja, Claire Zerafa u Phyllis Debono biex mis-sena d-dieħla niktbu lill-iskejjel kollha tas-Sekondarja u ngħarrfuhom bil-proġett ĦREJJEF li qed isaħħar lil kulħadd wara dan il-ġeneru tal-letteratura Maltija.

# Serata Letterarja dwar il-Milied fil-Librerija Nazzjonali t'Għawdex

Nhar is-Sibt filgħaxija, 21 ta' Diċembru 2013, għadd ta' kittieba Għawdxin fosthom Joe Camilleri, John Cremona, Charles Bezzina, Dun Gorġ Mercieca, Anton F. Attard, Joe W. Psaila u Patri Wistin Attard iltaqgħu flimkien fil-Librerija ta' Triq Vajringa, Victoria u qraw poeżiji, novelli u leġġendi dwar il-Milied. Il-Kav. Joe M Attard li ħa din l-inizjattiva, bil-kooperazzjoni sħiħa tas-Sur Gorġ Cassar, l-uffiċjal inkarigat mil-Libreriji f'Għawdex, inkluda wkoll xi xogħlijiet ta' kittieba Għawdxin li ma għadhomx magħna, fosthom Gorġ Pisani, Patri Mattew Sultana Kapuċċin, il-Kan. Joe Mejlak, u Mary Mejlak, li nqraw minn Antoinette Grech, Francesco Pio Attard, Joseph Galea, Gorg Cassar Jr., u Paul Pisani. Is-serata li ħadet mas-siegħa u nofs kienet imżewqa mill-kant tal-għanjiet tal-Milied mill-kor tat-tfal, 'Piccole Stelle' taħt id-direzzjoni ta' Mariella Cefai Spiteri, u mill-grupp tal-kitarri tat-tfajliet immexxi minn Monica Marie Parnis. Wara l-programm, il-mistednin flimkien mal-parteċipanti qasmu l-awguri u ħadu tazza nbid imsaħħna u xi ħelu tal-istaġun fosthom biċċiet tal-kagħak tal-għasel! ***Kav. Joe M Attard, Victoria Għawdex***

***Kunjomijiet Maltin ta' nisel Taljan:***

# XI ASPETTI GRAMMATIKALI

Jekk il-kunjomijiet jitqiesu bħala realizzazzjoni mikrokożmika tal-lingwa, allura jistgħu jiġu studjati morfoloġikament bl-istess mekkaniżmi loġiċi u bl-istess tassonomija sistematika li s-soltu nużaw fl-istudju tal-grammatika. Għalkemm il-kunjomijiet li sa niddiskutu jidhru li huma Taljani (jew Sqallin) fil-forma preżenti tagħhom, jista' jkunu addattamenti ta' kunjomijiet Rumanzi oħra (eż. Spanjoli jew Franċiżi). Fost ħwejjeġ oħra sa jiġu analizzati kunjomijiet bl-artiklu (e.g. La Rosa, Lapira); kunjomijiet bil-prepożizzjonijiet (e.g. Demarco, De Felice), kunjomijiet b'suffissi diminuttivi (e.g. Bonello, Castelletti), kunjomijiet b'suffissi awmentattivi u spreġjattivi (e.g. Ascione, Varrazzo), kunjomijiet f'forom aġġettivali u parteċipjali (e.g. Terribile, Amato), kunjomijiet b'suffissi etniċi (e.g. Fiorentino, Padovani), kunjomijiet b'suffissi li jindikaw xi mestier (e.g. Carbonaro, Barbieri), u kunjomijiet bi struttura komposta (e.g. Testaferrata, Quattromani). Nippruvaw nifhmu l-valur tad-desinenza -i fit-tarf ta' ħafna kunjomijiet (e.g. Magri, Lombardi). Jiġu analizzati wkoll mekkaniżmi oħra bħall-agglutinazzjoni, il-metatesi, l-apokope, u s-sinkope. Jekk jifdal ħin niddiskutu wkoll xi fenomeni fonoloġiċi bħalma huma l-assimilazzjoni, il-ġeminazzjoni, il-betaċiżmu u r-rotaċiżmu.
Fil-11 ta' Diċembru Dr Mario Cassar għamel taħdita interessanti fuq kunjomijiet Maltin li ġejjin mit-Taljan. Huwa dar dawra ma' dawn il-kunjomijiet u ta spjegazzjoni grammatikali tagħhom.
B'din it-taħdita sirna aktar konxji li mqar fil-kunjomijiet li nġorru wara isimna seħħ proċess lingwistiku sħiħ matul iż-żminijiet. Tassew għandna biex inkunu kburin bi lsienna u b'dak kollu li jagħmilna Maltin!
It-taħdita ġiet organizzata mill-Akkademja tal-Malti u mid-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu.

***— David Agius Muscat***

# TLIET KOTBA MINGĦAND VISION +

- **Bejn Il-Barrakka u l-Baviera** Poeżiji u Novelli fuq il-Belt Valletta ta' Amanda Busuttil, Lina Brockdorff u Francis Galea, b'introduzzjoni ta' Prof. Oliver Friggieri.
- **Kliem Infinit** (Antoloġija ta' kittieba diversi)
- **Għetiebi Mikula** (Antoloġija ta' kittieba diversi)

*Offerta:* Ixtri l-ewwel żewġ kotba u t-tielet ktieb ikun b'xejn!

Il-prezz finali huwa ta' 20 Ewro. Ġentilment ibgħat depożitu b'ċekk ta' 5 Ewro fuq dan l-indirizz bil-posta, flimkien mad-dettalji tiegħek lil: **Joseph Sultana, "Nicline", Guzeppi Briffa Street, Kercem KCM1352 Gozo, Malta, Ewropa**

Isem:______________________________________

Indirizz:___________________________________

___________________________________________

Numru tal-Mobile:___________________________

Email Address: ______________________________

Tirċievi informazzjoni kif ser tiġbor it-tliet kotba.
www.josephsultana.com
**(Naturalment din l-informazzjoni dwar kif tixtru dawn il-kotba hija għal Malta. Dawk li joqgħodu barra minn Malta għandhom jagħmlu kuntatt ma' Joseph Sultana dwar il-posta.)**

## Survey on the Second Generation of Maltese in Australia

*The Maltese Community Council of Victoria is conducting a survey to obtain a more information about the Second Generation of Maltese in Australia about whom we really know very little.*
If you are a second generation person of Maltese background, it would be appreciated if you would fill out the survey questionnaire which you can download from the MCCV website (www.mccv.org.au), and go to MCCV Survey on Second Generation Maltese in Australia and click where indicated to get the survey.
Completed forms may be returned in electronic or hardcopy form.
• BY EMAIL: Scan the completed form and email it to the email address of Prof Maurice Cauchi **mnc25@optusnet.com.au**
• BY POST: Post completed form to:
**Prof Maurice Cauchi, MCCV President, Maltese Community Centre**
**477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**
The information provided will be treated in the strictest confidence.
Please pass this information and request for survey participation on to your children, friends and acquaintances.

— ***Prof Maurice Cauchi,*** MCCV President

# *ITTRI LI NIRĊIEVU...*

Paul, L-Isbaħ Xewqat lilek, lil familtek u lill-Għaqda tagħkom. Nawguralek iżjed ħidma sfiqa f'isem l-Ilsien li jgħaqqadna minkejja l-bogħod li jifridna. Sliem u ... grazzi — ***Salv Seisun***

Għażiż Paul, Kemm ħadt pjaċir nara l-Folju tax-xahar tal-Milied u sellili għal Fredu Cachia li jidher li kien jaf lil Joe Saliba sewwa. Paul, hawn Malta, grupp ta' awturi ngħaqadna f'tim wieħed li jismu: Vision + u flimkien qed naħdmu biex nibdew is-sena 2014 b'aktar ħidma favur il-ktieb Malti, il-letteratura u l-poezija. Qed imexxi dan il-grupp Joseph Sultana minn Għawdex li tassew iħobb il-letteratura u qed jaħdem qatigħ favurha. Nixtieq illi nibgħatlek artikolett ċkejken għal fuq il-folju biex tkun tista' ġġibu għax-xahar id-dieħel, meta nittamaw li jkun fadal ftit sabiex iż-żewġ kotba li għandna jkunu waslu biex jitwieldu u dak li jkun ikun jista' isir jaf kif jiksibhom. Paul grazzi mill-qalb u nieħu din l-opportunita' sabiex nawgura Milied sabiħ lilek u lil martek Salvina u lil sħabna kollha l-Maltin tal-Awstralja. — ***Amanda Busuttil***

Għażiż Paul, Niżżik ħajr tal-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria għax-xahar li ninsabu fih. Nirreċipra l-isbaħ u l-għeżeż xewqat lilek, lill-familja tiegħek kollha, lil ħbiebek, sħabek, kollegi tiegħek u lil kull min bħalkom għandu rieda tajba. Il-Milied tiegħi din is-sena huwa mtappan bil-mewt tal-għażiża ommi, li seħħet ilbieraħ, 6 ta' Diċembru għal xi s-seba' u nofs ta' filgħaxija. Jekk jogħġbok, itlobli għaliha. Grazzi Paul. B'Imħabba — ***Mario Griscti***

Għażiż Paul, Nieħu pjaċir kbir naqra il-kitba tiegħek u ta' Maltin oħra li jgħixu fl-Awstralja. Jien ngħix Franza (Lyon). Il-Malti jgħaqqadna. Jiena kont ktibt l-awtobiografija tiegħi "Stħajjiltni Malti ta' Ġewwa — Memorji ta' Tunes", li tagħti xaqq dawl fuq il-Maltin ta' Tunes u l-ħajja tiegħi. Dan il-ktieb kien ġie ppubblikat mill-Malta University Press fl-2009. Ħajr u s-Sliem. — ***Guze' Cutayar***

***Irċevejna xewqat sbieħ għall-Milied u s-Sena Ġdida mingħand hafna, fosthom . . .***

Charles Casha, Prof. Charles Briffa, Alfred Massa, Sergio Grech, Patrick Busuttil, Mark Grima, Mario Tabone-Vassallo, Karmenu Mallia, Lina Brockdorff fost oħrajn.